# Dokument Importanti

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

**Bħall-bieraħ 179 sena ilu — 24 ta' Diċembru 1797 — wasal hawn Malta taħt l-isem ta' Cittadin E. Poussielgue (tinqara Pussjelg), aġent diplomatiku tar-Repubblika Franċiża, mibgħut mill-General Napuljun Bonaparti "biex, b'l-iskuża li jispezzjona xi portijiet tal-Lvant u jagħti relazzjoni dwarhom,... itemm l-arranġamenti tal-proġett li d-Direttorju (Franċiż) kellu f'moħħu dwar il-Gżira (ta' Malta)".**

Il-proġett imsejjaħ "l-ispedizzjoni ż-żgħira" kien li b'qawwa ta' 3,000 suldat Malta tiġi attakkata mill-Franċiżi, u l-Ordni Militari ta' San Ġwann jitkeċċa mill-Gżira, li b'hekk taqa' taħt il-ħakma ta' Franza. Dan kellu jkun l-ewwel pass għall-ħakma tal-Eġittu, li kien il-għan ta' "l-ispedizzjoni l-kbira".

## MIN KIEN?

Min kien dan Poussielgue? Kien is-Segretarju Ewlieni tal-Legazzjoni Franċiża f'Genova. Kien kiteb "l-Istorja tar-Rivoluzzjoni ta' Genova", li tant għoġbot lil Bonaparti, li dan faħħru f'ittra li ġġib id-data tad-9 ta' Settembru 1797 u ordna li 500 kopja ta' dan il-ktieb jitqassmu bi propaganda mal-Ewropa. Kien amministratur tajjeb u politku mħarreġ, hekk li, iżjed 'il quddiem, inħatar bħala Kontrollur tal-Fondi u Amministratur tal-Finanzi tal-Eżerċtu Franċiż fl-Eġittu.

Lil dan l-aġent diplomatku Bonaparti bagħtu hawn Malta, kif għidna, ħalli jindehes fost il-Kavallieri u l-Maltin, jara xi jħossu dwar ir-Repubblika Franċiża u jagħti tagħrif dwar il-qagħda politika, militari u finanzjarja fil-Gżira.

## JIBDEW L-INTRIGI

Poussielgue aċċetta dik il-missjoni u ġie Malta. Il-Konslu Franċiż Caruson introduċieh lill-membri tal-Gvern tal-Ordni, li laqgħuh tajjeb. Bil-għajnuna siewja tal-Konslu u tal-Kaptan tal-Port, li kien jiġi minnu u kellu l-istess isem ta' Poussielgue, irnexxielu jindehes sewwa fost il-Kavallieri u l-Kbarat Maltin.

Poussielgue dam Malta 18-il jum, jiġifieri sal-11 ta' Jannar. Gabar salt informazzjonijiet bis-saħħa ta' riċevimenti dispendjużi li għamel matul il-qagħda tiegħu f'Malta, u għamel propaganda favur ir-Repubblika Franċiża. Fit-8 ta' Frar, 1798, huwa bagħat Milan rapport twil tal-missjoni tiegħu lill-General Bonaparti.

## IMPORTANZA TAR-RAPPORT

Dan ir-Rapport kien ta' fejda kbira biex Napuljun seta' jibda jħejji t-triq għal dak li kellu jagħmel 4 xhur wara, meta daħal fil-Port il-Kbir bil-ħsieb li jieħu Malta u ħadha tassew bla tixrid ta' demm.

L-istess Rapport hu ta' mportanza għalina wkoll illum, għax jagħtina tagħrif ta' siwi dwar il-qagħda politika, militari, finanzjarja u soċjali ta' Malta f'dak iż-żmien. Ta' din il-qagħda sejjer natikom xi ħjiel iżjed 'il quddiem.

## IL-GRANMASTRU HOMPESCH

L-ewwel ma nsemmu hi d-deskrizzjoni li Poussielgue jagħtina tal-Grammastru Ferdinandu Hompesch. Igħidilna li dan laħaq Grammastru bis-saħħa tal-Kavallieri Franċiżi, wara li wegħedhom li jissokta jagħtihom l-għajnuna li kien beda jagħtihom il-Grammastru ta' qablu De Rohan. Din l-għajnuna kienu jinħtiġuha, għax ir-Repubblika Franċiża kienet ikkonfiskat l-artijiet tagħhom fi Franza.

Kien bniedem popolari ħafna u ġeneruż, li kien jidher sikwit fil-pubbliku u jixħet biċċiet tal-fidda lin-nies. Pulit u affabbli, kien ġibed is-simpatija tal-Kavallieri kollha. Kien diskret ħafna u ma jħalli 'l ħadd jaqralu dak li kellu moħbi f'moħħu. Ma kien iżomm lil ħadd bħala konfident esklużiv tiegħu, lil ħadd jinfluwenzah iżżejjed.

Kulħadd kien jitħaddet tajjeb fuqu — Maltin u Kavallieri, nobbli u nies tal-poplu. Dawn kienu jfittxu jersqu lejn il-Palazz mill-imkejjen imbegħda tal-Gżira biex ikollhom il-pjaċir li jarawh.

Ta' politiku kbir, għalkemm kellu Kunsill li suppost li kien imexxih, huwa għaraf ikun Prinċep mill-aktar assoluti ta'-Ewropa, għax kellu l-jedd esklużiv li jagħti favuri u mpiegi, u l-Kavallieri Franċiżi, kif għidna, kellhom bżonn l-għajnuna tiegħu. Hompesch beda jġedded iċ-ċerimonji ta' etikketta, li kienu ntesew għal kollox, ċerimonji li Poussielgue sejjaħ "tat-tfal". Ma rnexxielix għalissa nsib x'kienu dawn iċ-ċerimonji, li kif nifhem kien kienu jsiru fi żmien il-Milied. Infittex aktar, iżjed 'il quddiem.

## IL-KAVALLIERI U R-REPUBBLIKA FRANCIZA

Poussielgue jagħtina tagħrif dwar kif kienu jħarsu lejn ir-Repubblika Franċiża l-Kavallieri u l-Maltin. Igħidilna li l-Kavallieri f'Malta kienu xi 600 u minnhom bejn 300 u 400 kienu Franċiżi, appartenenti għat-tliet Lingwi — ta' Franza, ta' Provenza u ta' Alvernia. Minn dawn, bejn 15 u20 biss kienu jinteressaw ruħhom fil-ġejjieni tar-Repubblika Franċiża, l-oħrajn kienu regalisti kontra d-Direttorju Franċiż. Il-Kavallieri ta' lingwi oħra ftit inqas kien jimpurtahom.

Poussielgue kien jiltaqa' mal-Kavallieri għand kuġinuh il-Kaptan tal-Port: filgħodu ma dawk favur ir-Republika jew "Patrijotti", u filgħaxija mal-aristokratiċi.

Indehes sewwa ma' l-iżjed enerġiċi u istruwiti fost il-Patrijotti u b'entużjażmu kbir żamm magħhom 12 il-laqgħa fejn ġew diskussi l-mezzi għall-għaqda ta' Malta ma' Franza fl-iqsar żmien u b'l-inqas inkonvenjenti, għax kien hemm il-biżgħa li l-Gżira taqa' taħt xi potenza oħra. Ladarba l-mezzi għall-manteniment tal-Ordni kienu qegħdin jonqsu u ma kinetx tidher fil-bogħod il-waqgħa tiegħu.

## IL-MALTIN U L-ORDNI

U l-Maltin kif kienu jaħsbuha? Certament, kien hawn ħafna minnhom kontra t-tmexxija tal-Ordni, fosthom in-nies l-aktar aġjati u l-baħħarin. In-nies tal-baħar, għaliex il-gwerra bla heda tal-Ordni kontra t-Torok kienet qed ittellfilhom il-kummerċ ma' dawk in-nies u tqegħidhom

(Ikompli fil-paġna 20)

# DOKUMENT IMPORTANTI

(Jaqbad mill-paġna 5)

f'periklu li jinqabdu bħala lsira. Il-Maltin għonja u nobbli ma kinux jinġiebu wisq mal-Ordni, għax dan kien jeskludihom minn kull sehem fit-tmexxija tal-Gvern, u qatt ma ried iwaqqaf Lingwa Maltija. Saħansitra l-Maltin megħżulin bħala Nobbli mill-Grammastru, wara l-ħlas ta' sommom ta' flus, ma kienux jistgħux jgawdu l-privileġġi tal-Kavallieri.

Poussielgue jsemmi fost kollox il-fatti li l-Kavallieri setgħu joħorġu bil-lejl bla ma jkollhomx min iġorr quddiemhom xi dawl, waqt li l-oħrajn kienu marbutin bil-liġi li jimxu bil-lejl bid-dawl quddiemhom; fit-tijatru il-Kavallieri kellhom l-ewwel postijiet u l-Maltin dawk ta' waranett. Dan barra l-indħil tal-Grammastru fil-Qrati, meta d-deċiżjonijiet tagħhom ma kienux jogħġbuħ.

## IL-MALTIN U L-FRANCIZI

Il-Maltin, bħala regola, kiteb Poussielgue, kienu jippreferixxu jkunu maħkumin minn Franza milli minn nazzjon oħra; iżda wieħed ma kellux għax jistenna minnhom ebda kolp ta' stat. L-iżjed li wieħed sema' jistenna kien li, jekk il-Franċiżi jħebbu għal Malta, huma ma kienux ser jieħdu sehem kontrihom. Zgur li la fost il-Kavallieri u lanqas fost il-Maltin ma kien hemm ħafna li riedu jifteħmu mal-Franċiżi biex jeħilsu Malta minn taħt il-ħakma tal-Ordni, li kien qed jagħmel għassa kbira, u ħadd ma ried jikkomprometti ruħu.

Fost il-ftit Maltin li kienu favur il-Franċiżi ssemma ħafna Vinċenzu Barbara. Dan kien diġà ġie eżiljat mill-Ordni bħala traditur, u mar dalitt Milan jiltaqa' ma' Bonaparti u taħ tagħrif dwar il-qagħda ċerta f'Malta.' F'Diċembru tal-1797, reġa' daħal fil-Gżira (naturalment b i l-moħbi) flimkien ma' żewġ Maltin oħra "patrijotti" fuq il-fregata franċiża "Guillaume Tell", biex jagħti aktar tagħrif lill-Franċiżi. F'Gunju tal-1798, Barbara, flimkien ma' Poussielgue, ħadu sehem fl-"ispedizzjoni żgħira" mmexxija minn Napuljun. Fl-10 ta' Gunju huwa deher bħala rappreżentant tà 'dan quddiem l-awtoritajiet tal-Imdina biex iċedu dik il-Belt. Spiċċa fl-aħħar biex waqa' priġunier tal-Bey ta' Tunes.

Vinċenzu Barbara kien mgħoddi bħala "patrijott" mill-Franċiżżi u bħala "spjun u traditur" mill-Ordni. Min tgħidu li kellu raġun?

*(Jissokta)*